Il-Kummissjoni Ewropea

*Forestrija u qtugħ ta' injam u fatti u ċifri*

# Ir-Regolament tal-Unjoni Ewropea dwar l-Injam (EUTR)

- L-erja globali totali miksija bil-foresti tkorpi madwar 4 biljun ettaru (ha) - dan ifisser madwar 0.6 ettari għal kull abitant.[1]
- Madwar 13-il miljun ettaru (ha) ta' foresti ntilfu kull sena matul il-perjodu 2000-2010, meta mqabbel mas-16-il miljun ettaru għall-1990-2000.[2]
- Il-foresti u s-siġar jipprovdu għallinqas €180 biljun fis-sena fi dħul minn injam, injam bħala karburant u prodotti tal-foresti li mhumiex injam.[3]
- 1.3 biljun ruħ minn fost il-fqar tad-dinja jiddependu fuq il-foresti għal parti minn jew għall-għajxien kollu tagħhom - 630 miljun bidwi tal-foresti możajk, 430 miljun fil-komunitajiet tal-fruntieri mal-foresti u 200 miljun persuna li tgħix fil-foresti li hija primarjament indiġena.[4]
- Fl-2011, il-kummerċ globali ta' prodotti ta' injam primarji kien jiswa aktar minn €108 biljun. Minn dawn, 35% (€37.8 biljuni) kien minn u fi ħdan l-UE.[5]
- L-injam tropikali ammonta għal 13% - €27 biljun - tal-importazzjonijiet globali ta' injam fl-UE fl-2010.[6]
- Għal xi pajjiżi, l-injam jirrappreżenta riżorsa essenzjali għall-ekonomija, li jlaħħaq saħansitra sa 40% tal-qligħ mill-esportazzjoni. F'xi pajjiżi tal-Afrika Ċentrali, is-settur tal-forestrija huwa l-aktar fornitur importanti ta' xogħlijiet wara l-amministrazzjonijiet pubbliċi.[7]
- Fuq livell globali, il-qtugħ illegali ġie stmat li jikkawża telf ta' €7 biljun fis-sena[8], nofs dan f'royalties u taxxi għall-gvernijiet, biex ma nsemmux it-telf fir-rigward tas-servizzi tal-ekosistemi.
- Il-qtugħ illegali huwa maħsub li jnaqqas il-prezzijiet madwar id-dinja għal prodotti tal-foresti b'7-16%.[9]
- Il-qtugħ illegali għandu konsegwenzi serji għal intrapriżi tal-foresti ta' daqs żgħir u medju f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li jipprovdu miljuni ta' xogħlijiet.[10]
- Bejn l-2000 u l-2008, Sumatra u Kalimantan fl-Indoneżja tilfu 1.08 miljun ettaru (ha) tal-kopertura tal-foresti tagħhom minħabba qtugħ illegali ta' injam.[11]
- Skont il-WWF, huwa mifhum li 73% tal-produzzjoni tal-injam fl-Indoneżja tirriżulta minn qtugħ illegali ta' injam, 25% tal-esportazzjonijiet tal-injam tar-Russja joriġinaw minn qtugħ illegali ta' injam u 70% tal-injam maqtugħ fil-Gabon huwa meqjus illegali.[12]
- Skont il-WWF, l-UE tikkawża madwar €3 biljun f'telf fid-dħul fuq livell globali minħabba l-kummerċ tagħha ma' pajjiżi fil-Baċin tal-Amażonja, l-Istati Baltiċi, il-Baċin tal-Kongo, lvant tal-Afrika, l-Indoneżja u r-Russja.[13]

1 FAO - Valutazzjoni tar-riżorsi tal-foresti 2010 (fi Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE)
2 FAO - Valutazzjoni tar-riżorsi tal-foresti 2010 (fi Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE)
3 FAO - Valutazzjoni tar-riżorsi tal-foresti 2010 (fi Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE)
4 FAO - Valutazzjoni tar-riżorsi tal-foresti 2010 (fi Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE)
5 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
6 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
7 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
8 Bank Dinji 2006 (Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE)
9 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
10 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
11 Il-Ġlieda Kontra l-Qtugħ Illegali tal-Injam - Lezzjonijiet mill-Pjan ta' Azzjoni tal-FLEGT tal-UE
12 http://wwf.panda.org/about_our_earth/about_forests/deforestation/forest_illegal_logging/
13 http://wwf.panda.org/about_our_earth/about_forests/deforestation/forest_illegal_logging/